MALTA

ATT Nru. XVI ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' proċedimenti b'mezzi elettro-manjetiċi.

ACT No. XVI of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the recording of proceedings by electro-magnetic means.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

J. J. CREMONA
Aġent President

9 ta' Mejju, 1980

ATT Nru. XVI ta' l-1980

ATT biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' proċedimenti b'mezzi elettro-manjetiċi.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra —

"proċedimenti" tinkludi xiehda, sottomissjonijiet verbali, deċiżjoni ta' arbitru, konstatazzjoni, ordni, digriet, deċiżjoni jew sentenza u kull kliem li jingħadu fil-Qorti bil-miftuħ jew *in camera* waqt it-tmexxija tax-xogħol tal-Qorti;

"Qorti" tfisser kull Qorti ta' Liġi, Bord, Arbitraġġ, Tribunal, Kummissjoni jew Kumitat ta' Inkjesta, li b'liġi għandu s-setgħa li jisma' xiehda waqt il-proċedimenti;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Qrati u kull segretarju ta' kull Bord, Arbitraġġ, Tribunal, Kummissjoni jew Kumitat ta' Inkjesta;

"*tapes*" tfisser it-*tapes* jew oġġetti oħra li fuqhom ikunu ġew reġistrati proċedimenti b'xi mezzi elettro-manjetiċi;

"traskrittur" tfisser kull persuna li tingħata d-dmir mir-Reġistratur biex ir-reġistrazzjonijiet fuq it-*tapes* tittraskrivihom bil-miktub.

Reġistrar u traskrizzjoni ta' proċedimenti.

3. (1) Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull Qorti tista' tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjeteċi.

(2) Ir-Reġistratur għandu jara li r-reġistrazzjoni fuq it-*tapes* tiġi traskritta:

Iżda f'ġurijiet ir-Reġistratur ma jkunx obbligat li jara li ssir it-traskrizzjoni ħlief meta, u safejn, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti ta' Appelli Kriminali, tkun hekk ordnat.

Iżda, ukoll, kull Qorti tista' tordna li parti biss tal-proċedimenti tiġi traskritta.

(3) It-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-*typewriter* mit-traskritturi kif jordna r-Reġistratur, u għandha tagħmel parti mill-attijiet tal-proċedimenti.

(4) It-traskrittur għandu jiffirma kull paġna tat-traskrizzjoni u għandu jagħmel dikjarazzjoni fit-tarf tagħha li hu bis-sewwa u fedelment u skond l-aħjar tagħrif u ħila tiegħu, ittraskriva r-reġistrazzjonijiet tat-*tapes*.

(5) It-*tapes* għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-attijiet tal-proċedimenti tal-Qorti sakemm ma jitħassrux skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Tista' tiġi reġistrata s-sustanza tal-proċedimenti.

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 u ta' kull liġi oħra, il-Qorti tista' tordna, li s-sustanza biss tal-proċedimenti jew taxxiehda miġjuba waqt il-proċedimenti, kif iddettata mill-Qorti tiġi reġistrata b'mezzi elettro-manjetiċi.

(2) Meta l-Qorti tordna li s-sustanza biss ta' xiehda għandha tiġi reġistrata b'mezzi elettro-manjetiċi u dik is-sustanza tkun ġiet iddettata mill-Qorti quddiem ix-xhud, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li teħtieġ li t-traskrizzjoni tax-xhieda għandha tinqara mix-xhud waqt jew wara s-seduta u li nota ta' dak il-qari titniżżel fit-tarf ta' dik it-traskrizzjoni, dak il-qari ma jsirx, u t-traskrizzjoni titqies li tkun inqrat kif imiss u tkun ġiet ikkonfermata mix-xhud, iżda l-Qorti għandha tagħmel dikjarazzjoni fit-tarf ta' dak li tkun iddettat fil-qosor li s-sustanza tax-xhieda tkun ġiet iddettata mill-Qorti quddiem ix-xhud.

Ħarsien ta' *tapes*.

5. Ir-Reġistratur ikun responsabbli għall-kustodja u għall-ħarsien tat-*tapes*:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jaħtar lil xi persuna oħra biex taqdi l-imsemmija dmirijiet.

Tħassir ta' *tapes*.

6. Meta tkun ingħatat sentenza finali jew meta l-kwistjoni tkun definita għal kollox jew meta tkun saret it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ir-Reġistratur jista' jordna li r-reġistrazzjoni, titħassar:

Iżda l-Qorti tista', jew *ex officio* jew fuq talba magħmula, fi żmien sebat ijiem mid-data tar-reġistrazzjoni, minn kull waħda mill-partijiet, tordna li r-reġistrazzjoni jew parti minnha ma titħassarx sakemm ma jingħatax kontro-ordni fuq talba tar-Reġistratur.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 392 tas-7 ta' Mejju, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati